MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2009

Rikors Numru. 49/2008

Saviour **SPITERI**, Nicholas Spiteri

vs

**IL-KORPORAZZJONI ENEMALTA** u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-8 ta' Ottubru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti talbu li din il-Qorti (1) tiddikjara li l-qtugħ ta' l-provvista tad-dawl elettriku għall-

kumpless ta’ fondi proprjeta’ tagħhom f’“*Holy Family*”, Triq tal-Barrani, ż-Żejtun min-naħa tal-Korporazzjoni intimata (aktar ’il quddiem imsejħa “Enemalta”) sar bi ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-istess rikorrenti kif imħarsa bl-artikoli 36(1), 37(1), 38(1), 39(2) u 45(1) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Kostituzzjoni”) u kif ukoll tal-jeddijiet tagħhom taħt l-artikoli 6, 8, 14 u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”); (2) tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha meħtieġa u xierqa biex jitħarsu l-jeddijiet tagħhom;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fl-20 ta’ Ottubru, 2008, li biha laqa’ għall-azzjoni tar-rikorrenti billi qali li hu ma kienx messu tħarrek f’din il-kawża għaliex m’huwiex il-kontradittur leġittimu biex jikkontesta t-talbiet tagħhom. Fuq kollox, qal li ladarba r-rikorrenti ma fittxewx ir-rimedji ordinarji disponibbli lilhom, din il-Qorti jmissha tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma’ l-kawża, skond ma jrid il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni. Fil-mertu, laqa’ billi qal li, b’dak li sar, ir-rikorrenti ma ġarrbu l-ebda ksur ta’ xi jeddijiet fundamentali tagħhom;

Rat it-Tweġiba mressqa minn Enemalta fl-20 ta’ Ottubru, 2008, li biha laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrenti billi wkoll qanqlet il-kwestjoni preliminari li l-istess rikorrenti naqsu li jieħdu r-rimedji ordinarji, senjatament dawk maħsuba fil-paragrafu 1.3 tar-Raba’ Skeda tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap 387) li jitkellem dwar “*Tilwimiet marbuta mas-servizzi ta’ l-elettriku u ta’ l-ilma*”. Żiedet tisħaq li r-rikorrenti jridu jippruvaw li huma tassew sidien tal-ġid milqut bl-azzjoni tagħha. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li kien minħabba li r-rikorrenti nfushom nqdew b’sistema ta’ kif jestendu l-provvista tal-elettriku fl-ambjenti tal-imsemmi kumpless bi ksur tar-Regolamenti għall-Provvista ta’ l-Elettriku li wassluha biex tieħu l-passi biex taqta’ l-provvista. Ċaħdet li hija mxiet mod ieħor ma’ ħaddieħor fl-istess ċirkostanzi, u qalet li hija tat suġġerimenti lir-rikorrenti biex jinqdew

b'modi oħrajn kif iwasslu l-provvista tal-elettriku fi ħwejjiġhom, imma huma webbsu rashom u ma laqgħux dawk is-suġġerimenti. Warrbet ukoll l-allegazzjoni li l-qtugħ tal-provvista tal-elettriku qed jikser il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Ottubru, 2008, li bih ordnat li ssir it-trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Enemalta;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Novembru, 2008, li bih u wara dikjarazzjoni li saret mill-avukat tar-rikorrenti, ordnat tiswijiet fir-rikors promotur għall-finijiet tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet id-dikjarazzjoni tal-avukati tal-partijiet li ma kellhomx provi x'iressqu dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Jannar, 2009, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din l-azzjoni, ir-rikorrenti qegħdin jgħidu li ġarrbu ksur ta' bosta jeddijiet fundamentali tagħhom kif imħarsin bil-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, meta Enemalta qatgħet il-provvista tad-dawl elettriku f'Awissu tal-2007, f'ċirkostanzi li r-rikorrenti jqisuhom bħala arbitrarji. Minħabba f'hekk, qegħdin jgħidu li l-imġiba ta' Enemalta

twassal għal piena jew trattament inuman, teħid forzat tal-proprjeta’ jew tfixkil tat-tgawdija ta’ ħwejjiġhom, ksur tal-protezzjoni tal-intimata’ ta’ darhom jew ta’ ħwejjiġhom, u ksur ta’ smigħ xieraq. Dan kollu jabbinawh ma’ trattament diskriminatorju;

Illi ż-żewġ intimati jilqgħu għal din l-azzjoni billi jgħidu li r-rikorrenti naqsu li jirrikorru għal rimedji oħrajn “ordinarji” li kienu disponibbli lilhom qabel fetħu din il-kawża. Laqgħu ukoll b’eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar jekk din il-Qorti għandhiex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat “kostituzzjonali” jew “konvenzjonali” tagħha għar-raġuni li r-rikorrenti kellhom u messhom ħadu dawk ir-rimedji “ordinarji” qabel fetħu din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta’ natura legali marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami, għandu jingħad li l-intimati qegħdin jistiednu lill-Qorti biex ma tismax din il-kawża għaliex iqisu li r-rikorrenti kellhom rimedju ieħor taħt il-liġi ordinarja u ma nqdewx bih. L-intimata Enemalta hija aktar speċifika u tgħid li dak ir-rimedju – arbitraġġ kif stabilit fil-paragrafu 1.3 tar-Raba’ Skeda tal-Att tal-1996 dwar l-Arbitraġġ[1] – kien jista’ jagħtihom l-istess għamla ta’ rimedju li qegħdin jitlobu f’din l-azzjoni;

Illi l-eżistenza ta’ rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta’ allegat ksur ta’ jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta’ fatt attwali u obbjettiv**, u d-diskrezzjoni li tista’ twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha “jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel” minħabba l-eżistenza ta’ rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta’ fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-

[1] Att. II tal-1996 (Kap 387 tal-Liġijiet ta’ Malta)

rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[2]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfitxxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[3];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[4]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li

[2] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)
[3] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***
[4] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

jkun wieħed li jista’ jiġi segwit b’mod prattiku, effettiv u effikaċi[5];

Illi, madankollu, l-eżistenza ta’ rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[6]. M’huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista’ jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[7];

Illi f’għadd ta’ sentenzi mogħtijin f’dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma’ kawża ta’ natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta’ illegalita’, inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m’hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta’ teħid ta’ mezzi ordinarji mir-rikorrent m’huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta’ xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li

---

[5] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[6] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[7] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita’ tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)

tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija meżżi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[8]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[9]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[10];

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[11]. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u toħloq bilanċ biex, mill-banda l-waħda, twaqqaf lil min jipprova jabbuża mill-proċess kostituzzjonali, u mil-banda l-oħra żżomm milli jiġi maħluq xkiel bla bżonn lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[12];

[8] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***

[9] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

[10] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

[11] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***

[12] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***

Illi meta l-Qorti tiġi biex tapplika l-prinċipji hawn fuq imfissra għall-każ li għandha quddiemha ssib li m'għandhiex tieqaf milli teżerċita s-setgħat tagħha fiċ-ċirkostanzi li jirriżultaw s'issa. Il-Qorti tqis li l-qofol tal-kwestjonijiet legali mqanqla f'din il-kawża ma jistgħu jkunu mistħarrġa quddiem l-ebda Qorti oħra jekk mhux din. Fil-fehma tal-Qorti, uħud mill-aspetti ta' dritt imqanqlin fir-rikors promotur kienu tabilfors jeħtieġu li wieħed idur lejn din il-Qorti għall-istħarriġ u d-definizzjoni tagħhom;

Illi, fl-ewwel lok, mill-ftit fatti li jirriżultaw mill-atti, ma toħroġx stampa ċara dwar jekk hux tassew li r-rimedju msemmi kien disponibbli lir-rikorrenti. Jissemma li huma kienu ressqu l-każ quddiem l-Ombudsman (għalkemm x'kienu r-rakkomandazzjonijiet li ta għall-ilment ma jissemmewx), u għalhekk lanqas jista' jingħad li r-rikorrenti qabdu u fetħu din il-kawża bla kont. Fit-tieni lok, is-sitwazzjoni ilha tkarkar sa minn Awissu tal-2007, u l-Qorti ma jidhrilhiex xieraq li tħalli aktar żmien jgħaddi biex tibda tistħarreġ il-qofol tal-ilmenti tar-rikorrenti u tindirizzahom darba għal dejjem;

Illi, minbarra dan, ir-rimedju "ordinarju" prospettat mill-intimata Enemalta jikkonsisti f'"arbitraġġ mandatorju", li, kif inhu magħruf, huwa "rimedju" li dwaru dawn il-Qrati diġa' esprimew irwieħhom fuq il-kostituzzjonalita' tiegħu. Il-Qorti ma jidhrilhiex li d-diskrezzjoni tagħha biex ma tismax kawża mressqa quddiemha għandha tintuża f'każ bħal dan bla ma jkun hemm il-bżonn li t-teħid ta' dak ir-rimedju joħloq il-possibilita' ta' ilmenti oħrajn ta' xejra "konvenzjonali";

Illi l-Qorti hija tal-fehma li, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet legali magħmula u tas-sottomissjonijiet mismugħa, għandha twarrab din l-eċċezzjoni preliminari ta' kull wieħed mill-intimati u tibqa' tisma' l-kawża u taqtagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni** tal-intimat Avukat Ġenerali u **l-ewwel eċċezzjoni** tal-Korporazzjoni intimata bħala mhix mistħoqqa fil-fatt u lanqas fil-liġi, u bl-ispejjeż kontra tagħhom; u

**Tordna t-tkomplija tas-smigħ** tal-kawża fil-mertu.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------